



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 26 ta' Mejju 2011 (30.05)  
(OR. en)**

**10759/11**

**Fajl Interistituzzjonali:  
2011/0070 (APP)**

**LIMITE**

**JURINFO 37  
INF 90  
JUR 266**

**NOTA**

|                 |                                                                                                                    |
|-----------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:           | Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Ġustizzja elettronika)                                          |
| lil:            | Coreper/Kunsill                                                                                                    |
| Nru prop. Cion: | 10038/11 JURINFO 28 INF 73 JUR 225                                                                                 |
| Nru dok. preċ.: | 10620/11 JURINFO 36 INF 88 JUR 261                                                                                 |
| Suġġett:        | Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea |

**I. INTRODUZZJONI**

1. Fl-4 ta' April 2011, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea<sup>1</sup>.
2. L-objettiv tal-proposta huwa li jiġi żgurat aċċess aħjar għal-liġi billi jkun possibbli għal kulħadd li joqgħod fuq l-edizzjoni elettronika ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea bħala uffiċjali, awtentika, aġġornata u kompluta.

<sup>1</sup> 10038/11 JURINFO 28 INF 73 JUR 225

3. Il-proposta tipprovdi li l-pubblikazzjoni elettronika tkun ugwali għal publikazzjoni valida ta' Il-Ġurnal Uffiċjali. Madankollu, l-edizzjoni stampata jkollha valur legali biss f'każijiet eċċezzjonali u temporanji ta' interruzzjoni imprevedibbli tal-pubblikazzjoni elettronika. Il-proposta titratta wkoll ir-rekwiżiti tekniċi skont liema l-pubblikazzjoni elettronika tkun ugwali għal publikazzjoni valida u tistabbilixxi l-kompetenzi tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet f'dan il-qasam.

## **II. EŻAMI TAR-REGOLAMENT PROPOST**

4. Il-proposta kienet eżaminata fil-Grupp ta' Ħidma dwar il-Leġislazzjoni Elettronika (Ġustizzja elettronika) fit-18 ta' April, it-3 ta' Mejju u t-23 ta' Mejju 2011. Il-Grupp ta' Ħidma laħaq qbil dwar il-proposta kif imniżżla fid-dok. 10620/11 JURINFO 36 INF 88 JUR 261.
5. Sadanittant il-ġuristi lingwisti tal-Kunsill lestew ir-reviżjoni tagħhom tat-test. It-test rivedut huwa mniżżel fid-dok. 10222/11 JURINFO 34 INF 76 JUR 238.
6. Ċerti delegazzjonijiet għad għandhom riżerva ta' skrutinju parlamentari.

## **III. COREPER**

7. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Coreper/Kunsill huwa mistieden:
- (a) jikkonferma li hemm qbil dwar it-test tar-Regolament propost, kif imniżżel fid-dok. 10222/11 JURINFO 34 INF 76 JUR 238, soġġett għall-kunsens tal-Parlament Ewropew; u
- (b) jiddeċiedi li jibgħat lill-Parlament Ewropew l-abbozz tat-test tar-Regolament kif imniżżel fid-dok. 10222/11 JURINFO 34 INF 76 JUR 238 sabiex jinkiseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew skont l-Artikolu 352.